MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2003

Numru 1025/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO BONELLO**

**VS**

**NORBERT REFALO**

**Illum 12 ta' Marzu 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Norbert Refalo ta' 19-il-sena bin George u Josephine nee' Agius imwieled Pieta' fit-23 ta' Awissu 1983 u joqghod 20A, Telghet il-Gizwiti, Marsa li ghandu karta tal-identita' numru 426083 M;

Talli fis-16 ta' Ottubru 2002 ghall-habta tas-12.20 ta' wara nofs inhar fil-Marsa hebb ghal Carmelo Bonello u kkagunalu griehi ta' natura gravi skond kif iccertifika Dr. Noel E. Borg M.D. mill-Isptar San Luqa;

U aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied jew b'xi mod iehor;

U aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Carmelo Bonello u persuni ohra sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmel hsara lil dawn il-persuni;

U aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

Wara illi rat l-Artikoli 216, 338(dd), 339(e) u 338(bb) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li semghet ix-xhieda prodotta u rat id-dokumenti ezebiti;

U wara li, f'dan l-istadju, semghet l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat, din il-Qorti m'ghandhix alternattiva ohra hlief li ssib lill-imsemmi Norbert Refalo hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti, filwaqt li ssibu hati, qeghda tiddikjara procediment ezawrit ghar-rigward tat-tielet (3) akkuza, u qeghda ghar-rigward ta' l-akkuzi l-ohra, tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jikkommettix reat iehor fiz-zmien tmintax il-xahar (18) mil-lum, a tenur ta' l-artikolu 9 tal-kapitolu 152, tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------